*Effetti tal-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*
*fid-dawl tal-emendi introdotti bl-Att 1 tal-2017*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Numru 5**

**Rikors Numru 279/17TA**

**1. P & S Limited (C-4860)**
**2. Islets Developments Company Limited (C-10525)**
**3. Framegrip Construction Limited (C-17324)**

**vs**

**1) Noel Zammit (ID 21465M)**
**2) Stephanie Zammit (ID 191467M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors guramentat tas-Socjetajiet Rikorrenti, mahluf minn Paul Vella, direttur ta' P&S Limited fid-29 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi s-socjetajiet esponenti huma kredituri tal-konvenut solidament bejniethom fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u

tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73) rapprezentanti imghaxijiet fuq bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti, lis-socjetajiet esponenti ai termini ta' att ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Mariella Mizzi datat ghaxra ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (10/10/2005), (Dok "A") liema imghaxijiet gew bonarjament ridotti ghall-imsemmi ammont ta' €23,293.73 skond dak provdut fi skrittura fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi datata 23 ta' April 2007 li permezz taghha il-konvenuti rrikonoxxew l-imsemmi ammont bhala dovut. Dokument anness u immarkat (DOK. 'B'.

2. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anke permezz ta' ittra ufficjali, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

3. Illi ghalhekk kellha ssir din l-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri solidali tas-socjetajiet esponenti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73) rapprezentanti imghaxijiet fuq bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti, lis-socjetajiet esponenti ai termini ta' att ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Mariella Mizzi datat ghaxra ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (10/10/2005), (Dok "A") liema imghaxijiet gew bonarjament ridotti ghall-imsemmi ammont ta' €23,293.73 skond dak provdut fi skrittura fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi datata 23 ta' April 2007 li permezz taghha irrikonoxxejtu l-imsemmi ammont bhala dovut. Dokument anness u immarkat (DOK. 'B')

2. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lis-socjetajiet esponenti, is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmi (€23,293.73) dovuta kif premess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, rapprezentanti ta' liema huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta guramentata ossia eccezzjonijiet tal-Konvenuti mahlufa minn Noel Zammit u presentata fl-4 ta' Mejju 2017 fejn wiegbu ossia eccipew is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament Paul Vella li halef ir-rikors guramentat ghandu jipproduci l-prova li huwa ghandu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tas-socjeta P & S Limited.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet tas-socjetajiet atturi ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

   (a) Illi l-ammont huwa milqut bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai terminu tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili tenut kont li dan huwa hlas ta' imghaxijiet u mhux bilanc ta' hlas fuq kuntratt ta' bejgh u ghalhekk mhux dovut.

   (b) Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru minn meta l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali sabiex jghaddu ghal hlas.

3. Salvi risposti ulterjuri.

4. Illi huma ma ghandhomx ibaghtu spejjez."

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat u semghet ix-xhieda kollha prodotta fil-kors tas-smiegh tal-Kawza;

Rat il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2017, fejn il-Kawza thalliet ghallum ghad-Decizjoni dwar l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni, u cioe` tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet fuq il-punt imsemmi (a` fol 72 et seq u a` fol 79 et seq).

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Fir-rejalta l-fatti ta' din il-Kawza huma semplici.

**1.** Il-Konvenuti xtraw minghand is-Socjetajiet Attrici propjeta' immobiljari, kif ahjar deskritta fil-kuntratt Pubbliku ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tal-10 ta' Ottubru 2005 (Dok A a` fol 6 ).

**2.** Illi xi zmien wara, il-Konvenuti pprovaw jitrasferixxu parti minn din il-propjeta` u ltaqghu mal-privilegg specjali tal-bejjiegh, li kien gie kostitwit favur is-Socjetajiet fuq imsemmija fuq il-kuntratt imsemmi. Meta s-Socjetajiet Attrici gew mitluba sabiex jikkancellaw dan il-privilegg, dawn sostnew li kien ghad fadal bilanc rappresentanti kumulu ta' imghaxijiet mill-Konvenuti.

**3.** Dan l-ostaklu gie sorvolat bejn il-partijiet, permezz tal-iskrittura privata tat-23 ta' April 2007 (a` fol 17), redatta mill-istess Nutar fuq imsemmi. Bis-sahha taghha, il-Konvenuti kkostitwew lilhom infushom favur is-Socjetajiet Atturi, bhala veri, certi u likwidi debituri, fis-somma ta' ghaxart elef liri antiki (Lm10,000) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin u tletin ewro u tlieta u sebghin ewro centenzmi (€23,293.73). Fl-istess skrittura hemm referenza ghall-Kuntratt ta' akkwist fuq imsemmi, fis-sens li dan l-ammont jirrapresenta imghaxijiet fuq il-bilanc tal-prezz.

**4.** Gara, li permezz ta' ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju 2013 (a` fol 58) li giet notifikata fl-20 ta' Mejju 2013, il-Konvenuti gew interpellati biex ihallsu l-ammont li qed ikun reklamat fil-Kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti.

**Punti ta' Ligi**

**5.** Ser tkun ezaminata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, kif regolata minn artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili, fid-dawl tas-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, fost ohrajn li sehhet novazzjoni bis-sahha tal-iskrittura tat-23 ta' April 2007. Il-Konvenuti qeghdin jikkontendu ghalhekk li, minn meta sar dovut id-debitu f'dik l-iskrittura sakemm il-Konvenuti gew debitament notifikati bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, lahqu ghaddew hames snin. Il-Konvenuti qeghdin ukoll jeccepixxu ulterjorament, in via ta' nota ta' osservazzjonijiet, li l-ammont li qieghed ikun reklamat huwa ukoll preskritt ai termini tal-artiklu 2156(d) tal-Kodici Civili.

**6.** Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti trid ghalhekk, l-ewwel tezamina jekk dak li jesigi l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili, kif ricentement emendat, giex ritwalment osservat mill-Konvenuti. Hekk biss jista' jigi deciz biex wara jigi kkunsidrat jekk il-Konvenuti jistghux jibbenefikaw mill-preskrizzjoni imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Ma hemm ebda dubbju, li bejn il-Konvenuti qua mizzewwgin, hemm fis-sehh il-kommunjoni tal-akkwisti. Skont artiklu 1316 tal-Kodici Civili, dan ir-regim huwa presunt li jesisti, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja

(ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Mark Chetcuti tas-6 ta' April 2017 fl-ismijiet Karizia Company Limited -vs- Michael Debono nomine**). Il-Konvenut stess, in kontro ezami jammetti, li la qabel u l-anqas wara z-zwieg taghhom ma ghamlu kitba taz-zwieg (a` fol 64 tergo ). Issa, artiklu 1327(d) tal-Kodici Civili jistabilixxi, li fost id-djun li jidhlu fil-kommunjoni tal-akkwisti, hemm kull obbligu li jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin. Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju, li dak li ntrabtu li jaghmlu l-Konvenuti mizzewgin Zammit bl-iskrittura tas-27 ta' April 2007, huwa wiehed minn dawn l-obbligi.

**8.** Stabbilit dan il-punt, tqum il-mistoqsija, jekk tesistix solidarjeta` bejn il-Konvenuti sa fejn jirrigwarda dan il-hlas. Ghalkemm huwa minnu, li s-solidarjeta` fil-kamp civili ma hiex awtomatika bhal fil-kamp kummercjali, l-insenjament ta' dawn il-Qrati u l-ligi dwar il-punt in ezami huwa car. Fid-**Decizjoni tal-Qorti tal-Appell per Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet Carmel Sciberras pro et -vs- Yousef Rhouni pro et tad-9 ta' Novembru 2005** qalet hekk dwar din il-kwistjoni legali:-

> *"Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f' komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali solidarjeta` tohrog mill-kuntrattazzjoni innifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjeta`*

*tidderivi minn provvediment specifiku tal-ligi. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali taghha u cjoe (a)* ***pluralita` ta' soggetti****; (b)* ***l-idem debitum****; u (c)* ***eadem causa obligandi****. Ir-ratio, imbaghad, ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela linteressi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant li lkredituri - salv ghall-kwestjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu proprju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322 (3) (d), Kodici Civili - setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kon-titolari tal-kirja, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 1094, Kodici Civili:*

*Is-sentenza in re: "****Giuseppe Cachia -vs- Dr. Vincenzo Grech et nomine****" riportata a* ***Vol. V pagna 329*** *filwaqt li tirriafferma illi s-solidarjeta` ma hi qatt prezunta, tissokta tosserva a propozitu illi <u>"giusto l' articolo 800 (illum Artikolu 1094, Kodici Civili) l' obbligazione è solidaria per parte dei debitori, quando essi sono obbligati ad una medesima cosa, in maniera che ciascuno di essi possa essere costretto al pagamento della totalita` ..."</u> ;*

*Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe firrigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi liehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f' regim ta'komunjoni. Hi biss il-*

*kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f' kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta;"* (ara ukoll **Decizjoni tal-Prim Awla Per Imhallef Mark Chetcuti fl-ismijiet Edgar Mercieca pro et -vs- Norman Aquilina tal-14 ta' Novembru 2017** ).

**9.** Stabbilit li tesisti solidarjeta' bejn il-Konvenuti in virtu' tal-artiklu 1094 tal-Kodici Civili u kif ukoll bis-sahha tar-regim matrimonjali fis-sehh bejniethom, jmiss li jkun ikkunsidrat, jekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif moghtija fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili, gietx ritwalment sostnuta, bil-kwalita' ta' provi li ressqu l-Konvenuti. Dan il-punt irid jkun ikkunsidrat fid-dawl tal-emendi li gew introdotti bl-Att I tal-2017 li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017.

**10.** F'dan ir-rigward issir referenza ghas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri ) per Imhallef Anthony Ellul fl-ismijiet Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud pro et tas-26 ta' Jannar 2018**:-

*"Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma* ***xehedu minn jeddhom****. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar*

*id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom,* ***meta jinghata lilhom il-gurament****, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut* ***minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili****, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu."*

**11.** Dan il-bran mis-Sentenza imsemmija qieghed ikun citat ghaliex ghandu rilevanza ghall-punt guridiku in dibattitu. L-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili bidlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda l-

preskrizzjonijiet qosra jew partikulari. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "*Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B` dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur*" (**ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963** u **"Salvatore Jacono -vs-Vincenza vedova Serra", Appell Civili, 4 ta` Frar 1927**).

**12.** Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.

**13.** Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun

ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.

**14.** Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetah bieb li minnu dahlet l-opportunita' ghall-Attur biex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami lill-Konvenut, bil-beneficcji kollha li tista' ggib maghha l-procedura tal-kontro-ezami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet ghal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-**Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs- Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963** fejn intqal hekk:-

> " ... … *imma jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, dan ifisser illi hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-eccezzjoni eccepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni taghha u jird jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz ikun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jahlef skont il-ligi, fuqw talba tal-kreditur , il-mezz ta' difiza, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."*

**15.** Jista' jkun il-kaz li llum, certu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqghux effikaci proceduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi.

Ghalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem holoq kontroversja morali u etika ghax il-prova tkun qed tigi rimessa lill-"*foro conscientiae*" tal-individwu. Izda minn naha l-ohra, huwa ukoll principju importanti, li min jippretendi li ghandu dritt, jrid jiehu kura tieghu billi jezercitah fi zmien ragjonevoli. It-termini ta' zmien fil-procedura, huma mahsuba li jaffermaw ic-certezza tad-dritt mhux biss ghall-kreditur izda ukoll ghad-debitur, altrimenti dan tal-ahhar jista' jibqa' indefinittivament passibbli ghall-proceduri, haga li ma hiex konsentita mil-ligi naturali. Il-ligi thares lejn il-moghdija ta' zmien, skont ic-cirkostanzi tal-kaz, bhala fattur naturali li jgib fix-xejn l-ezercizzju tad-dritt bl-akkwizizzjoni tieghu mit-terz jew l-estinzjoni tieghu.

**16.** Ghalhekk, din il-Qorti trid tara, jekk fid-dawl tal-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili, il-Konvenuti irnexxilhomx jibbenifikaw mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnhom moghtija. Hekk kif il-Konvenuti eccipew il-preskrizzjoni estintiva taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili, il-Qorti kellha bilfors tindaga jekk konsegwentement issodisfawx il-vot tal-ligi taht artiklu 2160 tal-Kodici Civili biex ikun jista' jinghad, jekk il-Konvenuti hasdux il-beneficcju ta' dawn il-preskrizzjonijiet partikulari.

**17.** Il-Qorti ezaminat l-affidavit tal-Konvenut (a` fol 45) li fih jispjega, pjuttost fid-dettal, x'wassal ghall-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti. F'passagg minnhom sahansitra ghid li "*Li kieku l-atturi imxew mal-kuntratt jien imgahxijiet kelli inhallas aktar minn dak imsemmi fl-iskrittra privata...".* Ir-

referenza hija ghall-iskrittura fuq imsemmija, l-bazi tal-azzjoni Attrici. L-unika raguni li din il-Qorti tippresumi ghalfejn il-Konvenut qal hekk, kienet biex isostni d-difiza tan-novazzjoni. F'passagg iehor jaghti r-raguni ghalfejn ma jridx ihallas:-

> "*Jiena nikkontendi li galadarba l-atturi ghazlu li ma jimxux mal-kuntratt ta' akkwist tal-10 ta' Ottubru 2005 ghand in-Nutar mariella Mizzi, huma jistghu ghidu li l-imghaxijiet skont dan il-kuntratt ta' akkwist izda gejjin mill-iskrittura privata tat-23 ta' april 2007 u ghalhekk hemm il-preskrizzjoni ta' hames snin".*

**18.** Ebda wahda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ma tinkwadra ruhha fil-formula ritwalment u indispensabbilment rikjesta taht artiklu 2160(1).

**19.** Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f)u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.

**20.** Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) **jixhed minn jeddu** u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza **li ma hux debitur**. L-anqas ma jista' jghid li **ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa,** ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa

riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa **"ma jiftakrux"** (ara **Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955**).

**21.** Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili. F'dan ir-rigward gie affermat fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Tabib Principal tal-Gvern -vs- Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978**:

> *"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili".*

**22.** Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Izda huwa minnu ukoll, li fil-ligi kif inhi llum, il-formula baqghet hemm u inalterabbli, anke jekk illum jidher li l-kontroezami hu permessibbli, ghax fejn qabel kien

ikun prodott mill-Attur, tajjeb jew hazin, illum huwa l-Konvenut stess li jrid joffri li jixhed u ghalhekk ma jikkwalifikax bhala xhud prodott mill-Attur. Jekk il-kontro ezami tal-Konvenut kien wiehed xi ftit isserrat, dan kien kawza tal-fatt li fl-affidavit tieghu, l-istess Konvenut ghazel li jaghmel rakkont shih ta' fatti li ftit li xejn jincidu fuq l-azzjoni. Flok qaghad mal-formula tal-ligi, biex b'hekk anke l-kontro ezami kien ikun ikkonfinat b'dak li jiddisponi l-artiklu 580 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fetah bieb berah biex ikun kontro-ezaminat b'mod estentiv.

**23.** Minkejja r-rakkont tal-Konvenut ta' kif sehhew kronologikament l-avvenimenti li wasslu ghall-Kawza, meta l-Qorti flietu, fih ma sabitx dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili. Hekk ukoll jista' jinghad ghall-affidavit tal-Konvenuta Stephanie Zammit (a` fol 59). F'zewg sentenzi, kull ma qalet hu, li hi ma taf b'xejn u li kienet thalli f'idejn zewgha l-Konvenut, tant li l-anqas ghall-kuntratt ma kienet marret.

**24.** Li forsi ma fhemitx il-Konvenuta hu, li ghall-iskop tal-eccezzjonijiet moghtija, ftit li xejn jimporta legalment li dejjem halliet f'idejn zewgha. Hi wkoll kienet parti ghall-iskrittura privata inkwistjoni ghax zewgha deher ghaliha bi prokura u kif ukoll tat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mertu ta' din is-Sentenza parzjali. Dan ifisser, li hi wkoll kellha l-obbligu li tosserva l-vot tal-ligi kif preskritt minn artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili. A' skanz ta' repetizzjoni,

dak li ntqal fil-konfront tal-Konvenut zewgha dwar il-konsiderazzjonijiet legali ai fini ta’ dan l-artiklu, japplika ghaliha ukoll.

**25.** Ghalhekk il-Qorti hija tal-konvinciment, li l-Konvenuti ma rnexxilhomx isostnu l-eccezzjoni ai termini tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili skont kif trid il-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qed taqta’ u tiddeciedi l-Kawza parzjalment bil-mod segwenti:-

**Tichad** l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni fl-eccezzjoni numru 2(a) abbazi tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili u kif ukoll dik eccepita ulterjorament in via ta’ nota ta’osservazzjonijiet abbazi tal-artiklu 2156(d) tal-Kodici Civili.

**Spejjez** riservati mas-sentenza finali.

**Tordna** ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**